MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**

**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2014

Citazzjoni Numru. 168/2013

A B

vs

1. C D
2. B u b'digriet tas-7 ta' Ottubru, 2013 Maria Theresa B giet appuntata kuratrici sabiex tirrapprezenta lill-minuri N D
3. Direttur tar-Registru Pubbliku ghal kull interess li jista jkollu

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. Illi r-rikorrent kellu relazzjoni mal-intimata C D u minn din ir-relazzjoni twieled tifel N D fid-dsatax (19) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tnax (2012) u dan kif jirrizulta mill-anness certifikat tat-twelid numru sitt elef u tmienja u erbghin tas-sena elfejn u tnax (6048/2012) hawn anness u mmarkat Dok. A ;
2. Illi r-rikorrenti huwa guvni u dan kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid tieghu hawn anness u markat Dok B. L-intimata C D hija xebba.
3. Illi l-partijiet indikati qatt ma zzewgu ;
4. Illi fuq l-att tat-twelid tal-minuri N D fil-kolonna tad-dettalji tal-missier hemm imnizzel missier mhux maghruf ;
5. Illi l-missier naturali tal-minuri N D huwa r-rikorrenti u dan il-fatt ma hemm ebda dubju tenut kont li l-partijiet indikati kienu anke ghamlu t-testijiet tad-DNA li kkonfermaw li l-attur huwa l-missier naturali tal-minuri N D (Dok. C) ;
6. Illi l-partijiet kienu infirdu meta l-intimata C D harget tqila ;
7. Illi r-rikorrenti attur ghandu interess li tigi dikjarata l-paternita tal-minuri N D ;
8. Illi sahansitra meta ghamlu l-Maghmudija lil minuri l-attur kien prezenti flimkien mal-genituri tieghu kif ukoll l-intimata ghamlet zmien taghtih access tal-istess minuri kif jidhru mill-annessi ritratti Dok D; izda issa l-intimata C D iddecidiet li ma tridx thallih jara aktar lil minuri ;
9. Illi ghalkemm r-rikorrenti interpella lill-intimata diversi drabi anke permezz tal-ittra ufficjali tal-15 ta' Frar 2013 sabiex jigi rikonoxxut bhala missier it-tifel tal-partijiet, l-intimata omm il-minuri baqghet inadempjenti ghalkemm debitament notifikata; (Dok E kopja legali tal-ittra ufficjali);
10. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza ;

Talab li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara li l-missier naturali tal-minuri N D li twieled fid-19 ta' Dicembru 2012 huwa l-attur A B;
2. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet kollha necessarji fic-certifikat tat-twelid tat-tarbija msemmija (Att numru sitt elef u tmienja u erbghin tas-sena elfejn u

tnax (6048/2012) u tordna li partikolarment fil-kolonna intitolata : "Isem u Kunjom u post tat-twelid tal-Missier" jidhlu l-kliem A B u l-partikolaritajiet relattivi tal-istess A B ghall-professjoni, sengha jew stat iehor, ghall-eta, ghall-post tat-twelid u ta' residenza u ghal isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet, in kwantu jirreferu ghal missier il-minuri N D, jigu korretti konsegwentement billi jigu sostitwiti b'dawk il-partikolaritajiet li sejrin jirrizultaw waqt is-smigh;

3. Tiffissa access li r-rikorrent ghandu jkollu versu l-minuri;
4. Bl-ispejjez kontra l-konvenuti jew min minnhom li minn issa huma ingunti in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, li permezz taghha eccepixxa;

1. Illi qed jiġi rilevat li fuq il-mertu b'mod partikolari dwar il-paternita' tal-minuri N D, l-esponent naturalment m'huwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk huwa jirrimetti ruħu għar-riżultanzi proċesswali u kif ukoll għas-savju ġudizzju ta din l-Onorabbli Qorti;

2. Illi bla ħsara għas-suespost f'każ li jintlaqgħu' l-ewwel u t-tieni talba tar-rikorrent, l-esponent jinvita lir-rikorrent A B sabiex permezz ta' nota jispeċifika d-dettalji personali kollha tiegħu, senjatament (1) l-età tiegħu meta twieled il-minuri N D, (2) il-post tat-twelid tiegħu, (3) il-post ta' residenza tiegħu meta twieled l-imsemmi minuri, (4) isem u kunjom ta' missieru u (5) jekk l-imsemmi missier patern kienx għadu ħaj meta twieled N D. Tali informazzjoni hija meħtieġa biex tiġi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid tal-fuq riferit N D bin-numru ta' registrazzjoni progressiv 6048 tas-sena 2012;

3. Illi bla ħsara għal premess, l-partijiet kontendenti għandhom jiddeċiedu b'mod definittiv liema kunjom għandu jassumi l-minuri N D a tenur tal-**Artikolu 92 (6) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

4. Illi finalment dejjem mingħajr ħsara għal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta’ aġir tal-esponent u kwindi huwa m’għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

5. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu inġunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

Rat in-nota guramentata tal-konvenuta Maria Theresa B li permezz taghha tiddikjara li hija ma topponix ghat-talbiet attrici u li ma ghandhiex tbaghti spejjez;

Rat in-nota ta’ ammissjoni tal-konvenuta C D, li permezz taghha tippremetti :

1. Illi permezz ta’ dina n-nota l-eccipjenti qeghda taghmel ammissjoni rigward ir-rikors guramentat li gie pprezentat mill-attur A B rigward il-paternita’ tieghu u ghaldaqstant hija qed taqbel ma’ l-ewwel talba attrici u tammetti li l-minuri N D huwa l-iben ta’ l-attur A B;
2. Illi hija qatt ma riedet iccahhad lill-attur milli jkun ta’ missier ghal binhom – fil-fatt hija kienet li stiednet lill-attur ghal maghmudija tal-minuri N D.  Illi hija meta rceviet l-ittra ufficjali ma kienetx taf li ghandha xahrejn cans sabiex tirrispondi stante l-fatt li dak iz-zmien ma hadet l-ebda parir legali u percio’ jekk l-eccipjenti naqqset milli tirrispondi, dan sar bl-ebda mala fede da parti taghha;
3. Illi m’hemm l-ebda oggezzjoni ghat-tieni talba u cioe’ li jsiru n-necessarji korrezzjonijiet fic-certifikat tat-twelid tal-minuri N D u li konsegwentament il-minuri jiehu l-kunjom ta’ l-attur, salv id-dritt li mal-kunjom ta’ l-attur, il-minuri jiehu l-kunjom ta’ l-eccipjenti ukoll;
4. Illi fil-principju ma hemm l-ebda oggezzjoni li l-attur ikollu access verso l-minuri kif ukoll l-obbligu ta’ l-attur li jmantni lil ibnu minuri

imma qieghed jigi rriservat id-dritt li l-eccipjenti tirregola l-pozizzjoni taghha fi stadju ulterjuri;

Salv il-kap ta’ l-ispejjez u kull provvediment iehor li dina il-Qorti jidhrilha iktar xieraq u opportun;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew ezibiti, il-provi li tressqu u l-atti ta’ dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti ghandha quddiemha talba da parti tal-attur fejn qieghed jikkontendi li frott tar-relazzjoni li kellu mal-intimata C D, twieled il-minuri N D nhar id-19 ta’ Dicembru 2012. Ic-certifikat tal-istess minuri[1] jindika li l-missier mhux maghruf.

Min-naha taghha, Maria Theresa B fil-kapacita’ taghha ta’ kuratrici ghan-nom tal-minuri, ma topponix ghat-talbiet tal-attur izda tikkontendi li m’ghandhiex tbati l-ispejjez. L-intimata, min-naha taghha tipprezenta nota guramentata li permezz taghha, tammetti t-talbiet tal-attur ghal dak li jirrigwarda l-paternita’ pero’ tikkontendi li qatt ma riedet li ccahhad lill-istess attur minn bihom tant li kienet stednitu ghall-maghmudija. Izzid tghid ukoll li n-nuqqas taghha li tirrispondi ghall-ittra ufficcjali li kien prezenta l-istess attur kien minhabba l-fatt li hija naqset milli tiehu parir legali u ghalhekk ma kienitx taf li kellha terminu ta’ xahrejn biex tintavola

[1] Ara a fol 4 tal-process

risposta. B'hekk issostni li ma kien hemm ebda mala fede da parti taghha.

**Il-Mertu tal-Kaz Odjern**

Il-Qorti tirrileva li hemm qbil bejn il-partijiet fis-sens li l-attur huwa l-missier naturali tal-minuri N D. Apparti tali dikjarazzjonijiet, konferma ta' dan huma t-testijiet genetici li gew prezentati fil-mori tal-kawza li jkomplu jikkonfermaw dan u li naturalment ma jhallu ebda dubju dwar il-paternita' tal-istess minuri. Dan qieghed jinghad anke in vista tal-fatt li t-testijiet genetici huma l-prova regina f'kazijiet simili ghal dak odjern u ghalhekk m'hemmx lok li dawn jigu diskussi.

Dwar il-kap tal-ispejjez irid jinghad li l-attur ghamel dak kollu li huwa legalment possibbli sabiex jevita li tigi intavolata l-kawza odjerna, izda l-intimata ghazlet li ma tirrispondix ghall-ittra ufficcjali. Il-fatt li hija tikkontendi li ma kienitx taf li ghandha tirrispondi fit-terminu ta' xahrejn m'huwiex gustifikazzjoni stante li dak li kellha taghmel kien li tiehu parir legali. Wara kollox huwa principju maghruf li *ignorance of the law is no excuse* u ghalhekk, il-Qorti thoss li l-kap tal-ispejjez ghandu jigi attribwit unikament lill-intimata ghax kien minhabba l-agir taghha li l-attur kien kostrett li jintavola l-kawza odjerna.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici u konsegwentement:

(1) Tiddikjara li l-missier naturali tal-minuri N D li twieled fid-19 ta' Dicembru 2012 huwa l-attur A B;

(2) Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fl-Att tat-Twelid tal-minuri N D jissostitwixxi l-kliem 'missier mhux maghruf' bid-dettalji u l-konnotati ta' A B li huma s-segwenti:

Karta tal-identita’ numru 533291M

Post tat-twelid: Pieta’

Professjoni: technician

Post tar-residenza fiz-zmien tat-twelid tal-minuri: Zebbug Malta

Iben Noel B li kien haj fiz-zmien tat-twelid tal-minuri.

Tordna wkoll li kunjom il-minuri jkun dak ta’ B D.

Bl-ispejjez kontra l-intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------